31 ta' Marzu, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Reginald Graham Mervyn *versus* Joseph Mamo

**Lokazzjoni d'Opera — Ritratt — Kondizzjoni Potestativa.**

***Il-kondizzjoni potestativa hi valida jekk l-adempiment tagħha ikun jiddependi mill-volontà ta' l-istipulant jew ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tkun obligat ruħha; mhix valida jekk tkun tiddependi mill-volontà ta' min ikun obliga ruħu.***

***Għaldaqstant min jinkarika persuna biex tagħmillu ritratt ta' terza persuna bil-kondizzjoni li hu ma jkunx obligat jaċċetta dak ir-ritratt u jħallas tiegħu jekk l-istess ritratt ma jogħġobx lil dik it-terza persuna, dik il-kondizzjoni hija valida; u jekk dik it-terza persuna ma toħroġx soddisfatta bir-ritratt, il-kommittent ma hux tenut jaċċetta dak ir-ritratt u jħallas tiegħu lil min għamlu.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut ordnalu biex jagħmillu ritratt biż-żejt ta' l-Onorabbli Mħallef Montanaro Gauci bil-prezz ta' £75; u illi, qabel ma kien għal kollox lest ir-ritratt, l-Onorabbi Mħallef Montanaro Gauci ma riedx ikompli jmur għas-seduti għandu, u huwa kien kostrett jispiċċah mingħajr ma kien preżenti l-istess Imħallef; u illi, għalkemm dan ir-ritratt huwa lest, il-konvenut qiegħed jirrifjuta li jirċevih, u ma ħallasx il-prezz fuq imsemmi miftiehem, u lanqas is-somma ta' £3. 15. 0 tal-gwarniċ ta' l-istess ritratt; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallsu s-somma ta' £78. 15. 0, prezz tal-fuq imsemmi ritratt taż-żejt, kompriż il-gwarniċ tiegħu. Bl-imgħax legali minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ġunju 1952, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija u taċ-ċedola ta' depożitu tas-27 ta' Ġunju 1952. Il-konvenut ġie mħarrek għas-subizzjoni;

Ikkunsidra;

Illi f'Marzu 1952, il-konvenut inkariga lill-attur sabiex

jagħmel ritratt taż-żejt ta' l-Onorabbli Mħallef Montanaro Gauci, pingut bit-toga u d-dekorazzjonijiet tiegħu, biex jiġi preżentat u mbagħad espost lill-Overseas League, St. George's Club. Il-prezz miftiehem bejn il-kontendenti kien dak ta' £75. Il-konvenut jallega, fl-ewwel lok, illi, barra din il-kondizzjoni fuq il-prezz, ġiet apposta wkoll il-kondizzjoni illi l-pittura kellha togħġob lill-imsemmi Mħallef Montanaro Gauci, altrimenti l-konvenut ma kienx ikun tenut jirċievi r-ritratt u l-attur ma kellux jitħallas tax-xogħol tiegħu. L-attur jiċħad illi kien hemm din il-kondizzjoni; illi lanqas ma hu preżumibili li saret; u illi, jekk saret, mhijiex valida;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, dik il-kondizzjoni ġiet fil-fatt apposta. Dan jirriżulta mix-xhieda.............. U fil-każ taħt eżami hu wisq preżumibili illi kellha ssir dik il-kondizzjoni. Infatti, il-konvenut ma inkarigax lill-attur biex jagħmel ir-ritratt tiegħu, imma dak ta' persuna oħra; u r-ritratt ordnat, kif jammetti l-attur anki fid-dikjarazzjoni miġjuba maċ-ċitazzjoni, kellu jiġi u jibqa' espost fil-Club fuq imsemmi. U għalhekk hu naturali illi, jekk dak ir-ritratt ma kellux jogħġob lill-Imħallef Montanaro Gauci, u kwindi dana ma kellux jagħti l-kunsens tiegħu biex dak ir-ritratt jiġi espost fil-publiku f'dak il-Club, il-konvenut ma kellux x'jambih, għaliex l-uniku interess tiegħu kien dak li joffri lill-istess Club dak ir-ritratt, u mhux biex iżommu għandu;

Illi ġie pruvat illi l-Imħallef Montanaro Gauci dak ir-ritratt ma għoġbux, u qal lill-konvenut illi huwa ma riedx illi l-istess jiġi espost fil-Club ġa msemmi. Għalhekk, ladarba kien hemm dik il-kondizzjoni, u l-Imħallef Montanaro Gauci dak ir-ritratt ma għoġbux, il-konvenut mhux tenut iħallas il-prezz tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jingħal illi dik il-kondizzjoni mhijiex valida. Hi ġurisprudenza kostanti illi l-kondizzjoni potestativa hi valida, jekk l-adempiment tagħha jkun jiddependi mill-volontà ta' l-istipulant jew ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tkun obligat ruħha; mhijiex valida meta tkun tiddependi mill-volontà ta' min obliga ruħu; u fil-każ taħt eżami l-kon-

dizzjoni kienet magħmula tiddependi mill-volontà mhux tal-konvenut, imma minn dik ta' l-Onorabbli Mħallef Montanaro Gauci, li ma kienx parti fil-ftehim bejn il-kontendenti. Hu veru illi fil-kuntratti, speċjalment dawk sinallagmatiċi, mhux leċitu illi wieħed jippreżumi illi waħda mill-partijiet tobliga ruħha illi toqgħod għall-kapriċċ tal-par i l-oħra; imma fil-każ taħt eżami ma hemmx lok ta' preżunzjonijiet, għaliex, kif ġa ntqal, ġie pruvat illi dik il-kondizzjoni saret effettivament mill-konvenut u ġiet aċċettata *mill-attur*; l-adempiment tal-kondizzjoni ma kienx jiddependi mill-kapriċċ tal-konvenut; anzi, kif tajjeb jissottometti l-konvenut, f'dan il-każ kien jittratta minn kondizzjoni każwali, jiġifieri *illi* l-obligazzjoni assunta mill-kontendenti kienet tiddependi mill-approvazzjoni ta' l-Imħallef Montanaro Gauci, u ma kienetx fis-setgħa la ta' l-attur u lanqas tal-konvenut (art. *1096 (1) Kodiċi Ċivili*; Baudry, Obb. II, para. 779; Laurent, Vol. XVII, para. 51);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni mogħtija fl-ewwel lok mill-konvenut; u hekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur. Bl-ispejjeż kontra tiegħu.